MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2025

Appell Inferjuri Numru 77/2024 LM

**Subin Olipparampil Narayanan**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Identità**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Subin Olipparampil Narayanan (Karta tal-identità bin-numru 0229407A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija fil-21 t'Awwissu, 2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-

Bord'], li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-intimata **Identità** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], kif ġej:

> *"Therefore, due to the above reason, the Board declares the appeal as null and void. The Board orders notification of this decision to the Principal Immigration Officer."*

## __Fatti__

2. Ir-rikorrent kien ilu mis-sena 2019 impjegat mas-soċjetà Neriku Confectionery Limited, meta fid-9 ta' Ottubru, 2023 kien infurmat li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat, għaliex bħala impjegat kien naqas milli jikkonforma mal-protokoll u mal-istandards tal-imsemmija kumpannija. Fl-10 ta' Ottubru, 2023, l-intimata Identità irrevokat il-permess ta' residenza li kellu r-rikorrent, u r-rikorrent intavola appell quddiem il-Bord minn din id-deċiżjoni.

3. L-intimata wieġbet li hija ma setgħetx tirrispondi għar-rikors tal-appell tar-rikorrent għaliex dan naqas milli jelenka l-aggravji li abbażi tagħhom kien qiegħed jippreżenta l-appell tiegħu. L-intimata spjegat li fit-30 ta' Jannar, 2023, ir-rikorrent kien applika għal permess uniku sabiex ikun jista' jaħdem mal-kumpannija Neriku Confectionery Limited bħala *demi chef de partie,* u l-permess ta' residenza nħareġ fil-11 ta' Marzu, 2023. Qalet li meta hija ġiet infurmata li l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat, il-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom lir-rikorrent kien inħariġlu l-permess ta' residenza ma baqgħux jissussistu, u għalhekk il-permess imsemmi ġie revokat.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Fid-deċiżjoni tiegħu tal-21 t'Awwissu, 2024, il-Bord, iddeċieda li jiċħad l-appell tar-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"1. **Preliminary***

*The Board:*

*Noted that in virtue of Identità's decision, issued on 10th October, 2023, **Identità stated that appellant's residence permit has been revoked since the employer has submitted a termination of the appellant's employment, hence nullifying his work residence permit from the date of termination**;*

*Noted the application form but no letter of appeal;*

*Noted the appeal registered on 13th October 2023; and*

*Noted Identità did not file a reply.*

***2. Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta), stipulates that amongst the principle which this Bord, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et** (decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or, in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board notes the following documents in the appellant's file:*

- *Identità's refusal decision;*
- *The application form of the appeal;*
- *The Board's registered receipt of the appeal;*
- *Residence permit receipt of payment; and*
- *An email.*

*The Board notes that the appellant has not presented any valid arguments in support of his case and that since the date of filing of the appeal, the appellant has not provided any further evidence or information in support of his application.*

*The Board, therefore, refers to the judgment of the Court of Appeal **Albert Beliard vs Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Expatriate Affairs** decided on 9th July 2020 in which it was held:*

*"*Kif tajjeb irrilevat fil-ġurisprudenza ċċitata mill-abbli Avukat tal-Istat, l-essenzjal tal-fair hearing hu li kull parti tingħata l-opportunità li tressaq il-każ tagħha, b'mod li l-Qorti tkun f'qagħda li, kif jgħid il-Malti, tisma' ż-żewġt iqniepen. M'hemmx għalfejn li jkun hemm trattazzjoni orali. Barra minn hekk, hija għal kollox inaċċettabbli l-qagħda tal-appellant li quddiem il-Bord ma pproduċa l-ebda aggravju in sostenn tal-appell tiegħu u minn fuq jippretendi li l-Bord jagħmillu xogħlu hu."

*The Board wholeheartedly shares the reasoning of the Court of Appeal in that case and can apply it to the current case. In the present case, the appellant brought forward no grievances and no submissions to address the merits of the case.*

***3. Decision***

*Therefore, due to the above reason, the Board declares this appeal as null and void.*

*The Board orders notification of this decision to the Principal Immigration Officer."*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-2 ta' Settembru, 2024, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-21 t'Awwissu, 2024 fl-ismijiet premessi, u tibgħat l-atti lura lill-Bord sabiex wara li jkollu fil-pussess tiegħu d-dokumenti kollha u wara li jisma' lill-partijiet, jgħaddi għad-deċiżjoni, jew fin-nuqqas, wara li tisma' lill-partijiet u tiddeċiedi dwar il-mertu, tilqa' t-talba tar-rikorrent, u tordna lill-intimata toħroġ permess ta' residenza lir-rikorrent, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

6. L-appellant spjega li huwa kien impjegat ma' Neriku Confectionery Limited, kumpannija li topera fis-settur tal-*catering,* u huwa kien ilu hekk

impjegat mis-sena 2019. Qal li wara li hu u martu, li wkoll tgħix f'Malta, organizzaw festin privat, il-prinċipal tal-appellant iddeċieda li jitterminalu l-impjieg. Qal li wara li ġara dan, l-appellata ħadet passi sabiex tirrevokalu l-permess li kien inħariġlu qabel, u dan mingħajr ma kkomunikat mal-appellant jew imqar involvietu fil-proċess li bih kienet qiegħda titterminalu l-permess. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni, u għalhekk ressaq appell minnha quddiem il-Bord. Qal li ftit ġranet biss wara, huwa ġie offrut impjieg bħala *demi chef* mal-kumpannija Villa Arrigo Ltd, imma minħabba dawn il-proċeduri, ma setgħetx issir applikazzjoni għal permess uniku kif xtaqu l-appellant u l-prinċipal prospettiv tiegħu.

7. L-appellant qal li filwaqt li l-Bord ikkonkluda li r-rikors tal-appell tiegħu huwa null, dan naqas milli jikkunsidra diversi fatturi kif jirriżultaw mill-atti u mill-inkartament tal-proċeduri. Qal li l-ittra li permezz tagħha huwa ġie infurmat li l-permess ta' residenza tiegħu qiegħed jiġi revokat, fiha diversi nuqqasijiet, fosthom li l-ittra ma ġietx notifikata lilu skont il-liġi u skont il-proċedura. L-appellant qal li l-ittra twasslitlu permezz ta' *email,* u sostna li dan mhuwiex mezz affidabbli għall-konferma li dokument ikun twassal għand id-destinatarju, u ma sar l-ebda tentattiv ieħor sabiex huwa jiġi notifikat. Qal li l-appellata fl-ebda waqt ma ppruvat tikkuntattjah sabiex tassigura li l-komunikazzjoni twasslet għandu, u assumiet li huwa kien irċieva d-dokument indirizzat lilu.

8. L-appellant qal li anki mad-daqqa t'għajn, għandu jirriżulta li hemm xi ħaġa ħażina fid-dokument mibgħut lilu bid-data tal-10 ta' Ottubru, 2023. Qal li d-dokument ma fih l-ebda firma, u għalhekk dan id-dokument ma jistax jitqies bħala wieħed uffiċjali. Qal li huwa ma jistax jikkonferma li min bagħatlu dan id-

dokument kellu s-setgħa jagħmel dan, u dan juri li hemm nuqqas ta' trasparenza, ta' kontabilità u ta' nuqqas ta' konferma ta' *authorship.* L-appellant qal li dokument li ma fihx il-firma tal-awtur tiegħu, għandu jitqies li huwa null *ab initio,* u dokument ta' din ix-xorta lanqas jista' jkollu valur probatorju quddiem il-Qorti, aħseb u ara kemm jista' jiżvesti persuna minn permess li jibqa' fil-pajjiż. L-appellant qal li wieħed ma jistax jikkonkludi li kien hemm nullità fl-appell tiegħu, għaliex huwa d-dokument li kien intbagħat lilu li huwa null. Qal li d-deċiżjoni appellata tmur kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, billi filwaqt li l-Bord wasal għall-konklużjoni tiegħu, dan injora l-fatt li d-dokument suġġett għall-appell kien skarn minn kull karatteristika li tirrendih affidabbli. L-appellant qal li huwa kellu aspettattiva leġittima li jkollu l-opportunità jagħti l-verżjoni tiegħu quddiem il-Bord. Qal li l-Bord għandu funzjoni li jisma' u jiddeċiedi appelli minn deċiżjonijiet partikolari, u għalhekk għandu l-obbligu li jara li l-proċess immexxi minnu jimxi skont il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, fosthom billi wieħed ikun jista' jsemma' l-każ tiegħu, u s-setgħa diskrezzjonali tal-Bord li tkun imħaddma b'rispett għall-istess prinċipji. L-appellant qal li għalhekk din id-deċiżjoni mhijiex ġusta fil-konfront tiegħu, għaliex jidher ċar li d-deċiżjoni appellata hija msejsa fuq dokument li mhuwiex mogħni bil-kwalitajiet meħtieġa sabiex ikun jista' jitqies bħala dokument uffiċjali u affidabbli.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. L-appellata wieġbet li l-appell tal-appellant huwa null u inammissibbli, għaliex *ai termini* tal-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punt ta' dritt *'rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III'*, u l-appellant la huwa

persuna msemmija fit-Taqsima III, ladarba huwa mhuwiex ċittadin ta' Stat Membru, u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' Stat li huwa marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera. Qalet li għalhekk dan l-appell għandu jiġi ddikjarat null. Qalet ukoll li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma.

10. L-appellata spjegat li l-appellant kien kiseb permess ta' residenza *(single permit)* sabiex jaħdem ma' Neriku Confectionery Limited. Qalet li dan l-impjieg ġie tterminat, u hija ġiet infurmata b'dan mill-kumpannija biss. Qalet li l-appellant qatt ma infurmaha b'dan it-tibdil fiċ-ċirkostanzi tiegħu, minkejja li kien jaf li l-permess ta' residenza tiegħu f'Malta kien marbut mal-impjieg tiegħu ma' Neriku Confectionery Limited. Qalet li kien għalhekk li hija infurmat lill-appellant li l-permess ta' residenza tiegħu kien qiegħed jiġi revokat abbażi tal-fatt li huwa ma kienx għadu impjegat mal-istess soċjetà. Qalet li l-appellant ma ressaq l-ebda sottomissjonijiet in sostenn tal-appell imressaq minnu quddiem il-Bord, u kien għalhekk li l-appell tiegħu tqies li huwa null.

11. B'riferiment għall-ewwel aggravju sollevat mill-appellant, l-appellata qalet li l-kwistjoni tan-notifika tiegħu *b'email* qatt ma tqajmet quddiem il-Bord, u għalhekk il-Bord ma ta l-ebda deċiżjoni dwarha. Qalet ukoll li mhuwiex minnu li notifika bl-*email* mhijiex valida, u l-ittra ntbagħtet fl-indirizz elettroniku pprovdut mill-appellant stess fl-applikazzjoni tiegħu. Qalet li fuq kollox jidher li l-appellant irċieva d-deċiżjoni tagħha, tant hu hekk li dan ressaq l-appell tiegħu quddiem il-Bord fiż-żmien, u għalhekk huwa ma ġie ppreġudikat bl-ebda mod.

12. B'riferiment għat-tieni aggravju mressaq mill-appellant, rigward il-fatt li l-ittra mibgħuta lilu ma kinitx iffirmata, l-appellata qalet li dan l-argument ukoll ma tqajjimx quddiem il-Bord, u għalkemm id-dokument mhuwiex iffirmat minn

xi uffiċjal partikolari, l-appellata fl-ebda waqt ma ċaħdet li dan id-dokument kien iffirmat minnha. Qalet li d-deċiżjoni tinħareġ f'isem l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-appellata, u anki fin-nuqqas ta' firma ta' xi uffiċjal partikolari, l-argument tal-appellant mhux wieħed sostantiv u ma jibdel xejn mid-deċiżjoni, speċjalment fid-dawl tal-fatt li kemm l-identità tal-firmatarju u l-vires li dan kellu, setgħu jiġu kkontestati quddiem il-Bord, u b'hekk din il-kwistjoni kienet tiġi sorvolata. L-appellata issostni li l-argumeti li l-appellant qiegħed iqajjem fir-rikors tal-appell tiegħu, setgħu faċilment jitqajjmu quddiem il-Bord. Qalet li huwa ironiku li l-appellant jgħid li d-deċiżjoni tal-Bord tmur kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali għaliex ma ppermettilux ikollu smigħ orali, peress li kien l-appellant innifsu li naqas milli jressaq l-aggravji u s-sottomissjonijiet sabiex jissostanzja l-appell tiegħu. L-appellata qalet li l-Bord huwa tenut li jirregola l-proċedura tiegħu stess, u l-proċedura hija li f'kull appell li jitressaq quddiem il-Bord, dan jagħti ċans lill-partijiet ta' ħmistax-il jum sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom. L-appellata qalet li l-Bord jimxi bl-istess mod mal-partijiet b'rispett lejn il-prinċipji taċ-ċertezza legali, tal-parità tal-armi, u tal-imparzjalità u l-indipendenza, u ma jistax mingħajr raġuni ta' xejn jagħżel li jinjora d-digrieti tiegħu stess biex jaġevola lil xi parti. Qalet ukoll li l-appellant bl-ebda mod ma ttenta jispjega quddiem il-Bord għal liema raġuni huwa injora t-terminu mogħti lilu fid-digriet għas-sottomissjonijiet ulterjuri tiegħu, u lanqas f'dan l-istadju ma ta spjegazzjoni dwar dan. Qalet ukoll li m'hemm l-ebda ħtieġa li s-sottomissjonijiet isiru bil-fomm, u ladarba l-appellant ingħata ċ-ċans iressaq l-appell tiegħu, u li jagħmel is-sottomissjonijiet u l-provi tiegħu fit-terminu mogħti lilu, l-appell kellu jiġi meqjus u deċiż mill-Bord, u ma jistax jingħad li l-appellant ma ngħatax smigħ xieraq. L-appellata qalet ukoll li lanqas ma jirriżulta li l-

appellant talab li jkun hemm smigħ quddiem il-Bord, u lanqas ma spjega x'kienet il-kwistjoni tant kruċjali li kienet timmerita smigħ bil-fomm.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

13. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellata. B'riferiment għall-eċċezzjoni sollevata mill-appellata, li r-rikors tal-appell tal-appellant għandu jitqies li huwa null minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217, il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ma jistax jingħad li l-appellant ma jinsabx fit-territorju Malti b'mod leġittimu, għaliex huwa kellu permess ta' residenza validu, li sussegwentement ġie revokat meta huwa tilef l-impjieg tiegħu, u issa għad irid ikun hemm l-eżitu finali tal-appell odjern sabiex dik il-vertenza tiġi determinata darba għal dejjem. Għaldaqstant il-Qorti sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan l-appell, għaliex ma tistax teskludi *a priori* l-jedd tal-appellant li jressaq dan l-appell tiegħu.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Il-validità tan-notifika]*

14. L-appellant jgħid li l-ittra li permezz tagħha huwa ġie infurmat li l-permess ta' residenza tiegħu kien qiegħed jiġi revokat, ma ġietx notifikata lilu b'mod validu, għaliex din intbagħtet lilu bil-posta elettronika. Jgħid li dan mhux mod affidabbli kif ikun hemm konferma li korrispondenza bħal din twasslet għand id-destinatarju tagħha, u għalhekk in-notifika ta' din l-ittra għandha titqies li ma saritx b'mod regolari.

15. Il-Qorti tirrileva li l-appellant fl-ebda waqt ma ċaħad li huwa ġie notifikat bl-imsemmija ittra. Jgħid biss li fil-fehma tiegħu l-mod li bih din l-ittra twasslet għandu mhux wieħed regolari jew validu. Dan meta l-appellant intalab jipprovdi d-dettalji tal-indirizz elettroniku tiegħu, u b'hekk kien jaf, jew seta' jobsor, li kull darba li l-appellata ser ikollha bżonn tikkorrispondi miegħu għal xi raġuni, hija kienet ser tagħmel dan permezz tal-*email.* Jirriżulta wkoll li l-appellant bl-ebda mod ma ġie ppreġudikat bil-fatt li din l-ittra twasslet għandu bil-posta elettronika, u fil-fatt l-appell tiegħu ġie intavolat fit-terminu preskritt bil-liġi. Fl-era diġitali li ngħixu fiha, illum huwa normali li korrispondenza uffiċjali tintbagħat lill-persuni kkonċernati b'mod elettroniku, u għalhekk il-Qorti ma tara xejn li mhux f'loku jew irregolari fin-notifika tal-imsemmija ittra lill-appellant. Għaldaqstant, tqis li l-ewwel aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Id-dokument mibgħut lill-appellant ma jistax jitqies li huwa dokument uffiċjali jew validu]*

16. L-appellant jgħid li mid-dokument mibgħut lilu ma tirriżulta l-ebda firma, u għalhekk mhuwiex ċar jekk il-persuna li ħadet id-deċiżjoni li l-permess ta' residenza tiegħu jiġi revokat, kellhiex is-setgħa li tagħmel dan. Jgħid li dan jammonta għal nuqqas ta' trasparenza u kontabilità. Jgħid ukoll li huwa kellu l-aspettattiva leġittima li jingħata smigħ xieraq mill-Bord, imma dan ma sarx u d-deċiżjoni fil-konfront tiegħu ingħatat mingħajr ma huwa ngħata ċ-ċans jispjega ċ-ċirkostanzi tal-każ.

17. Il-Qorti tirrileva li d-dokument li ntbagħat lill-appellant huwa *standard form letter,* li tintbagħat mill-Aġenzija appellata f'isem l-istess aġenzija, lil kull

min ikun fl-istess sitwazzjoni li jinsab fiha l-appellant. L-ittra tinħareġ taħt il-*letterhead* tal-appellata, għaliex hija l-Aġenzija appellata li b'applikazzjoni tal-liġijiet u tal-*policies* viġenti, tieħu d-deċiżjonijiet fir-rigward tal-applikazzjonijiet li jkollha quddiemha. M'hemmx persuna partikolari li jista' jiġi individwalizzat bħala l-persuna li tieħu tali deċiżjonijiet, u anki jekk l-ittra kellha tkun iffirmata minn xi ħadd partikolari, il-preżunzjoni hija li d-deċiżjoni ħaditha l-Aġenzija appellata u mhux individwu partikolari. Għaldaqstant dan l-argument huwa għal kollox fallaċi.

18. B'riferiment għall-argument tal-appellant fejn jikkontendi li huwa ma ngħatax smigħ xieraq, u li huwa kellu l-aspettattiva leġittima li ser jingħata smigħ mill-Bord, il-Qorti tirrileva li minkejja li l-appellant ġie infurmat li kellu żmien ħmistax-il jum sabiex iressaq is-sottomissjonijiet, dokumenti, provi u dak kollu li jidhirlu li huwa rilevanti in sostenn tal-appell tiegħu, l-appellant naqas milli jagħmel dan. Il-Bord jirregola l-proċedura tiegħu stess, u hija prassi aċċettata li l-Bord ma jakkordax smigħ bil-fomm, imma jagħti lill-partijiet l-opportunità li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub, xi ħaġa li l-appellant naqas milli jagħmel. Ma jistax issa l-appellant jinqeda b'dan l-appell sabiex jargumenta li ġew leżi l-prinċipji ta' ġustizzja naturali tiegħu, jew li huwa ma ngħatax smigħ xieraq, għaliex jirriżulta li huwa biss l-appellant li jaħti għall-fatt li l-pożizzjoni tiegħu ma ġietx spjegata f'termini aktar ċari lill-Bord. L-appellant naqas milli jinforma lill-appellata bit-tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi personali tiegħu, u bil-fatt li huwa spiċċa mingħajr impjieg, u kien dan il-fatt waħdu li wassal biex il-permess ta' residenza tiegħu jiġi revokat.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-appell tal-appellant mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**